

# Fortifikazzjonijiet Melleħin



**Clifford Galea**
M.A Baroque Architectural Studies

**Insellem lill-għeżież Melleħin permezz ta' din il-kitba tiegħi għat-tieni darba. Iddeċidejt li nikteb ftit dwar fortifikazzjonijiet ħelwin u uniċi li nsibu f'dan ir-raħal pittoresk. Nibdew bis-Sur tal-Aħrax.**

## Is-Sur tal-Aħrax

Fuq il-peniżola li hemm bejn din ir-ramla u r-ramla tat-Torri l-Abjad insibu sur, bl-isem tas-Sur tal-Aħrax. Dan is-sur ġie mibni fl-1759. Dan is-sur fih madwar 9 meddiet kontinwi. Il-ġebel għal dan is-sur inqata' mill-post stess. Is-sur għandu wisgħa ta' żewġ metri u t-tul eżatt tiegħu hu ta' 670 metru, l-għoli tal-ħajt ivarja bejn 4 u 16-il filata. Kien Bourlamaque li ħeġġeġ l-Ordni tibni dan is-sur wara li fl-1715 Vendom kellu fi ħsiebu dan it-torri.

Is-sur jinsab fi stat mhux ħazin apparti n-naħa tal-bajja tat-torri (Little Armier) minħabba li l-ġebel ta' taħt, u jekk ma nieħdux ħsiebu din il-parti nitilfuha.

## Il-Batterija tal-Aħrax u t-Torri l-Abjad (Despinasse)

Wieħed mit-torrijiet li ġew mibnija madwar il-kosta ta' Malta mill-Gran Mastru De Redin (1657-1660). It-Torri tal-Aħrax sewa 590 skud u kien wieħed minn ħamsa oħra li kienu lesti sa Novembru 1658. L-ispejjeż ta' dan it-Torri tħallsu mill-Gran Mastru stess, waqt li l-ħlas fis-sena ta' 30 skud lill-bumbardier u l-24 skud kull wieħed lil tliet suldati tad-Dejma kellhom jitħallsu mill-Università.

L-arma li kienet twaħħlet fuq il-bieb prinċipali m'għadhiex hemm iżda l-iskrizzjoni bil-Latin fuq l-irħama ta' taħtha għandha miktub hekk "FRA DON MARTINO DE REDIN MAGNO S.R.I.F. MAGISTRO SEXTAM SPECULAM PRO CARINARUM AC IN COLARUM TUTIORI STAT ILERIGENTI, MELITEN POPULUS PRINCIPI SUO CLEMENTI PROUT IN CORDE, SIC IN L DE GRA TES DEBIT AS REDDEBA T. AN. 1658." Dan it-Torri għandu l-istess forma tat-torrijiet l-oħra tal-kosta, żewġ sulari għoli, t'isfel bit-talut u ta' fuq perpendikulari, turretta waħda f'kantuniera u parapett mad-dawra tal-bejt.

Dan it-torri kien armat b'żewġ kanuni u t-tieqa li llum tidher fil-faċċata fit-tieni sular kienet oriġinarjament il-bieb prinċipali. Fuq ġewwa, s-sular t'isfel hu msaqqaf bil-ħnejjiet waqt li ta' fuq ġej sħiħ fit-tond biex ikun jiflaħ għall-piż tal-kanuni u tas-suldati.

## Il-Batterija tal-Aħrax

Din il-batterija li tmiss eżatt mat-torri min-naħa ta' quddiem inbniet fl-1715 mill-kavallier Despinasse. Hija tmiss mat-torri bil-kamra prinċipali. Mill-ġnub tal-kamra joħorġu żewġ ħitan fuq in-naħa ta' quddiem hija armata bi tmien kanuni u għandha foss quddiemha ta' sitt metri.

## Il-Batterija ta' Vendom

Din il-batterija ġiet mibnija fl-1715 fuq l-insistenza tal-Gran Prijur Philippe de Vendom. Vendom kien dak li ħallas għal dan ir-ridott sabiħ. Fil-fatt din hija l-ikbar batterija li qatt inbniet mill-kavallieri. Kienet armata b'sittax-il kanun. Fuq quddiem din il-batterija għandha 16-il lamberżuna (fetħiet għall-kanuni). Fil-kamra tan-nofs magħrufa iktar bħala l-*Block House* insibu ċumnija li x'aktarx kienet tintuża biex issaħħan il-kamra.

Nieqaf hawn u nawguralkom minn qalbi l-festa t-tajba. Viva Marija Bambina.